SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' April 2008 *

Fil-Kawżi magħquda C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P,

li għandha bħala suġġett appelli skond l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentati fil-5 ta' Settembru 2006,

Thomas Flaherty (C-373/06 P), residenti f'Mainster (l-Irlanda),

Larry Murphy (C-379/06 P), residenti f'Brandyhill (l-Irlanda),

Ocean Trawlers Ltd (C-382/06 P), stabbilita f'Killybegs (l-Irlanda),

irrappreżentati minn D. Barry, solicitor, u A. Collins, SC, (C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P), kif ukoll minn dawn ta' l-aħħar u P. Gallagher, SC, (C-379/06 P),

appellanti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

L-Irlanda,

intervenjenti fl-ewwel istanza:

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn B. Doherty u M. van Heezik, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

appellata,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President ta' l-Awla, A. Tizzano, A. Borg Barthet (Relatur), M. Ilešič u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2007,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz ta' l-appelli tagħhom, T. Flaherty u L. Murphy kif ukoll il-kumpannija Ocean Trawlers Ltd jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, Ġabra p. II-1699, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") li permezz tagħha, minn naħa, ċaħdet bħala inammissibbli r-rikorsi tagħhom intiżi sabiex jiksbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/245/KE ta' l-4 ta' April 2003, dwar l-applikazzjonijiet li rċeviet il-Kummissjoni sabiex iżżid l-għanijiet tal-PMG IV bil-għan li jiġu mtejba s-sigurtà, in-navigazzjoni fuq il-baħar, l-iġjene, il-kwalità tal-prodotti u l-kundizzjonijiet ta' xogħol għall-bastimenti ta' tul ġenerali ta' iktar minn tnax-il metru (ĠU L 90, p. 48, iktar 'il quddiem id-deċiżjoni kkontestata), u min-naħa l-oħra li tikkundannhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

2 B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Marzu 2007, il-kawżi C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali kif ukoll tas-sentenza.

Il-kuntest ġuridiku

3 Fis-26 ta' Ġunju 1997, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adotta d-Deċiżjoni 97/413/KE dwar l-għanijiet u r-regoli dettaljati intiżi għar-ristrutturazzjoni tas-settur tas-sajd Komunitarju għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 2001, bil-għan li jintlaħaq ekwilibriju sostenibbli bejn ir-riżorsi u l-isfruttament tagħhom (ĠU L 175, p. 27).

4 Skond l-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni:

"Fil-programmi multi-annwali ta' gwida għall-Istati Membri, iż-żidiet fil-kapaċità li jirriżultaw esklużivament mit-titjib fil-qasam tas-sigurtà jiġġustifikaw, każ b'każ, żieda fuq l-istess livell fl-għanijiet tas-segmenti tal-flotta meta dawn ma jġibux magħhom żieda fl-attività tas-sajd tal-bastimenti kkonċernati." [verżjoni mhux uffiċjali]

5 L-ewwel subparagrafu tal-punt 3.3 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/125/KE tas-16 ta' Diċembru 1997 li tapprova l-programm multi-annwali ta' gwida tal-flotta tas-sajd ta' l-Irlanda għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 2001 (ĠU 1998, L 39, p. 41, iktar 'il quddiem il-"PMG IV") huwa miktub kif ġej:

"L-Istati Membri jistgħu f'kull ħin jissottomettu programm ta' titjib tas-sigurtà lill-Kummissjoni. B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/413/KE, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk żieda fil-kapaċità prevista minn tali programm tiġġustifikax żieda korrispettiva fl-għanijiet tal-PMG IV." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-fatti li wasslu għall-kawża

6 Il-fatti tal-kawża li taw lok għas-sentenza appellata, hekk kif esposti fiha, jistgħu jinġabru f'sunt fit-termini li ġejjin.

7 Bejn is-sena 1999 u s-sena 2001 kien hemm skambju ta' korrispondenza dwar l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 bejn id-Dipartiment tal-Marina u tar-Riżorsi Naturali Irlandiżi (iktar 'il quddiem id-"Dipartiment") u l-Kummissjoni.

8 Matul dan il-perijodu, kull wieħed mit-23 rikorrenti ta' l-ewwel istanza applikaw mad-Dipartiment sabiex jiksbu żieda fil-kapaċità minħabba titjib magħmul f'dak li jirrigwarda s-sigurtà, skond l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 u l-punt 3.3 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 98/125.

9 B'ittra ta' l-14 ta' Diċembru 2001, id-Dipartiment talab lill-Kummissjoni żieda ta' 1 304 tunnellati gross tas-segment polivalenti u ta' 5 335 TG tas-segment pelaġiku tal-flotta Irlandiża, skond l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413. Din l-ittra kienet tikkumplementa applikazzjoni preċedenti li d-Dipartiment kien għamel lill-Kummissjoni dwar żewġ bastimenti bħala "każ bi prova".

10 Din l-ittra tad-Dipartiment kienet tindika li din kienet saret wara l-applikazzjonijiet ta' 38 proprjetarju ta' bastimenti li kienu mmodifikaw jew bidlu l-bastiment tagħhom jew li kellhom l-intenzjoni li jagħmlu dan. Ma' din l-ittra ntbgħatet ukoll dokumentazzjoni ddettaljata dwar it-38 bastiment in kwistjoni. Minn tabella annessa ma' l-imsemmija ittra jirriżulta li 18 mir-rikorrenti ta' l-ewwel istanza kienu fost dawn il- proprjetarji.

11 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jaqra kif ġej:

"L-Ewwel Artikolu

Eliġibbiltà ta' l-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għaż-żieda fl-għanijiet tal-PMG IV fil-qasam tat-tunnellaġġ ser jiġu kkunsidrati bħala eleġibbli bil-kundizzjonijiet segwenti:

1) l-Istat Membru jkun bagħat l-applikazzjonijiet każ b'każ qabel il-31 ta' Diċembru 2001;

2) il-bastiment irid ikun irreġistrat korrettament fir-Reġistru tal-flotta Komunitarja;

3) il-bastiment ikkonċernat irid ikollu tul ġenerali ta' ħmistax-il metru jew iktar;

4) iż-żieda fit-tunnellaġġ għandha tkun ir-riżultat ta' xogħlijiet ta' modernizzazzjoni, li saru jew li għad iridu jsiru, fuq il-gverta prinċipali ta' bastiment tas-sajd diġà eżistenti u rreġistrat li meta jinbdew ix-xogħlijiet fuqu jkollu għall-inqas ħames snin. Fil-każ fejn bastiment ikun għereq fil-baħar, iż-żieda fit-tunnellaġġ għandha tkun ir-riżultat ta' volum ikbar fuq il-gverta prinċipali tal-bastiment sostituttiv fir-rigward tal-bastiment li jkun għereq fil-baħar;

5) iż-żieda fit-tunnellaġġ hija ġġustifikata bit-titjib fis-sigurtà, tan-navigazzjoni fuq il-baħar, ta' l-iġjene, tal-kwalità tal-prodotti u tal-kundizzjonijiet ta' xogħol;

6) il-volum taħt il-gverta prinċipali tal-bastiment modifikat jew tal-bastiment sostituttiv m'għandux jiżdied.

L-applikazzjonijiet għaż-żieda fl-għanijiet tal-PMG IV f'dak li jirrigwarda s-saħħa tal-magni mhux ser ikunu eliġibbli.

Artikolu 2

L-applikazzjonijiet aċċettati skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 huma dawk elenkati fl-Anness I.

L-applikazzjonijiet miċħuda skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 huma dawk elenkati fl-Anness II.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lill-Irlanda, lir-Renju ta' l-Olanda, lir-Renju ta' l-Iżvezja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq."

[traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 Il-lista ta' l-"applikazzjonijiet miċħuda" li tinsab fl-Anness II tad-deċiżjoni kkontestata kienet tinkludi l-applikazzjonijiet tar-rikorrenti f'dan l-appell fir-rigward ta' bastimenti ġodda ddestinati sabiex jissostittwixxu, rispettivament, il-MFV Westward Isle (Flaherty), il-MFV Menhaden (Murphy) u l-MFV Golden Rose (Ocean Trawlers), li l-ebda wieħed minnhom ma kien intilef fil-baħar.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

13 Quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, it-23 rikorrenti talbu sabiex id-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata safejn din ċaħdet l-applikazzjonijiet tagħhom għal żieda fil-kapaċità tal-bastimenti tagħhom. Dawn l-applikazzjonijiet kienu kollha jirrigwardjaw il-bini ta' bastimenti ġodda intiżi sabiex jissostitwixxu bastimenti eżistenti li ma kinux intilfu fil-baħar. In sostenn tat-talbiet tagħhom, dawn ir-rikorrenti invokaw in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni, in-nuqqas ta' motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni u l-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

14 Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat, fl-ewwel lok, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ssollevata mill-Kummissjoni u intiża sabiex jiġi deċiż li dawn ir-rikorrenti ma kinux direttament u individwalment ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE. Hija ċaħdet din l-eċċezzjoni prinċipalment għar-raġunijiet li, minn naħa, din id-deċiżjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala ġabra ta' deċiżjonijiet individwali, fejn kull waħda taffettwa s-sitwazzjoni legali tal-proprjetarji tal-bastimenti elenkati fl-Annessi ta' l-istess deċiżjoni, inkluża dik tar-rikorrenti, li kienu kkaratterizzati meta pparagunati ma' kull persuna oħra u individwalizzati b'mod analogu bħal ma jkun destinatarju u, min-naħa l-oħra, li din id-deċiżjoni pproduċiet direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti, fejn ma ħalliet ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha fir-rigward ta' l-obbligu tagħhom ta' implementazzjoni.

15 Madankollu l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala inammissibbli r-rikorsi ta' erba' mir-rikorrenti ta' l-ewwel istanza, fejn tlieta minnhom huma l-awturi ta' l-appelli preżenti. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet kif ġej fil-punti 61 u 62 tas-sentenza appellata:

"61 Madankollu, fid-dawl tar-risposti ta' l-Irlanda għall-mistoqsijiet li saru fil-kuntest tal-miżuri ta' organizazzjoni tal-proċedura, il-Qorti tal-Prim' Istanza *ex officio* qajmet il-kwistjoni jekk erba' mir-rikorrenti kellhomx interess ġuridiku f'dan il-każ (ara l-punt 17 iktar 'il fuq). Dawn huma Thomas Flaherty (T-224/03), Ocean Trawlers Ltd (T-226/03), Larry Murphy (T-236/03) u O'Neill Fishing Co. Ltd (T-239/03).

62 Minn dawn ir-risposti jirriżulta li l-applikazzjonijiet magħmula minn dawn l-erba' rikorrenti kienu bbażati fuq l-intenzjoni li kellhom dak iż-żmien li jibnu bastimenti u li jagħtuhom l-ismijiet imsemmija fl-Anness II tad-deċiżjoni kkontestata. Madankollu ġara li dawn ir-rikorrenti ma pproċedewx għall-bini ta' dawn il-bastimenti b'mod li, meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, huma fil-fatt ma kinux proprjetarji tal-bastimenti in kwistjoni. Minn dan isegwi li l-imsemmija rikorrenti m'għandhomx interess ġuridiku. F'kull każ, dawn mhumiex individwalment ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata peress li l-bastimenti in kwistjoni huma fittizji."

16 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat il-kwistjoni fir-rigward tal-bastimenti tad-19 ir-rikorrenti l-oħra ta' l-ewwel istanza kif ġej:

"105 Għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 (…) ma jimponi l-ebda limitu f'dak li jirrigwarda l-età tal-bastiment li jista' jibbenefika minn żieda fil-kapaċità fil-qasam ta' sigurtà. Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, il-kliem użat f'din id-dispożizzjoni jippermetti kull żieda fil-kapaċità li tirriżulta minn

titjib fil-qasam tas-sigurtà, sakemm dan iż-żieda ma ġġibx magħha żieda fl-attività tas-sajd. Kieku l-Kunsill ried jeskludi l-bastimenti l-ġodda, dan x'aktarx kien jindikah […]

[…]

109 Għandhom ukoll jittieħdu in kunsiderazzjoni l-għanijiet tad-Deċiżjoni 97/413. Fil-fatt din id-deċiżjoni għandha bħala għan il-konservazzjoni tar-riżervi ta' ħut fl-ibħra Komunitarji. Madankollu, il-Kunsill ħa in kunsiderazzjoni 'il-ħtieġa li jiġu assigurati l-ogħla regoli ta' sigurtà possibbli fil-flotta tas-sajd Komunitarja' (it-tnax-il premessa) [verżjoni mhux uffiċjali]. Għaldaqstant, huwa inkluda l-Artikolu 3 (li jikkonċerna l-bastimenti tas-sajd ta' tul ġenerali ta' anqas minn tnax-il metru minbarra l-bastimenti tat-tkarkir) u l-Artikolu 4(2) fl-imsemmija deċiżjoni.

110 Bil-kontra ta' dak li tagħti x'tifhem il-Kummissjoni, mhuwiex meħtieġ, sabiex jiġi assigurat l-għan fuq imsemmi tad-Deċiżjoni 97/413, li l-bastimenti l-ġodda jiġu esklużi mis-sistema stabbilità mill-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim' Istanza tenfasizza li din l-aħħar dispożizzjoni hija konformi ma' dan l-għan safejn din tipprojbixxi kull żieda fl-attività tas-sajd. Il-Kummissjoni, li tagħmel referenza għal żidiet

konsiderevoli ħafna fid-daqs li mhumiex motivati minn raġunijiet ta' sigurtà, setgħet teżamina l-bastimenti, każ b'każ, sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm żieda fl-attività tas-sajd jew le. Fil-fatt, hija stess tindika li l-projbizzjoni ta' tali żieda hija intiża sabiex jiġi sodisfatt l-għan ġenerali tad-Deċiżjoni 97/413 li huwa dak li tiġi mnaqqsa l-kwantità ta' ħut li tinqabad fil-Komunità […]

[…]

134 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi deċiż li peress li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni adottat kriterji li ma kinux previsti mil-leġiżlazzjoni applikabbli f'dan il-każ, hija marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi milqugħ u d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata, mingħajr mhemm bżonn li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra."

L-appelli

17 Fl-appelli tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi tagħhom hija vvizzjata bi żball ta' liġi. Huma jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata safejn din tiċħad ir-rikors tagħhom u tikkundannhom ibatu l-ispejjeż tagħhom tal-proċedura ta' l-ewwel istanza. Huma jitolbu wkoll li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata kif ukoll li l-Kummissjoni tiġi orndata tbati dawn l-ispejjeż kif ukoll dawk ta' l-istanza preżenti.

18 Il-Kummissjoni titolb li dawn l-appelli jiġu miċħuda bħala infondati u li r-rikorrenti jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

L-argumenti tal-partijiet

19 Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrenti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għall-konklużjoni żbaljata li huma ma kinux jiġġustifikaw interess ġuridiku u ma kinux individwalment ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata minħabba l-fatt li l-bastimenti li għalihom l-applikazzjonijiet għal żieda fil-kapaċità li kienu ġew ippreżentati kienu fittizji.

20 Fl-ewwel lok, l-awturi ta' l-appelli jsostnu li l-ammissibbiltà tar-rikorsi tagħhom għandha tiġi evalwata fir-rigward ta' l-interess ġuridiku tagħhom fid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għal żieda fil-kapaċità u mhux fid-dawl ta' avveniment futur u ipotetiku. Għaldaqstant, billi kkunsidrat l-interess ġuridiku fid-data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet applikat kriterju ġuridiku żbaljat.

21 Fit-tieni lok, huma jallegaw li jirriżulta b'mod ċar mid-dokumenti ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza li, fir-rigward tad-data ta' preżentazzjoni tar-rikorsi tagħhom quddiemha kif ukoll għal dik ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, jekk jiġi preżuppost li din l-aħħar data tista' tiġi meqjusa bħala d-data rilevanti, huma kienu effettivament proprjetarji tal-bastimenti li għalihom il-Kummissjoni kienet irċeviet u ċaħdet l-applikazzjonijiet għal żieda fil-kapaċità.. Minn dan jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball sustanzjali fl-evalwazzjoni tad-dokumenti ppreżentati fl-ewwel istanza, li skond ġurisprudenza kostanti, għandu jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata.

22 Fit-tielet lok, l-awturi ta' l-appelli jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, fis-sentenza appellata, li l-applikazzjonijiet kollha għal żieda fil-kapaċità kienu jikkonċernaw bastimenti ġodda, fejn numru kbir fosthom kienu ġew ippreżentati fir-rigward ta' bastimenti li l-kostruzzjoni tagħhom kienet għadha biss proġett. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-applikazzjonijiet ippreżentati f'isimhom lill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx ivverifikat jekk kull bastiment li fir-rigward tiegħu applikazzjoni kienet ġiet ippreżentata kienx ġie mibni fid-data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jew f'dik li fiha r-rikorsi għal annullament kienu ġew ippreżentati, peress illi dan l-element mhuwiex rilevanti. Minbarra dan, huma jsostnu li, safejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li teżamina l-applikazzjonijiet ta' bini tal-bastimenti ġodda, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tiddeċiedi fuq dawn it-talbiet skond id-dritt applikabbli. B'konsegwenza, il-konklużjoni li r-rikorrenti mhumiex individwalment ikkonċernati, minħabba l-fatt li l-bastimenti in kwistjoni huma fittizji, mhijiex fondata fid-dritt u hija b'kuntradizzjoni mal-motivazzjoni stess tas-sentenza appellata.

23 Il-Kummissjoni ssosnti li l-ammissibbiltà tar-rikorsi ma tistax tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' avveniment futur u ipotetiku. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx invokat tali avveniment. Bil-kontra, hija kienet ħadet in kunsiderazzjoni l-fatt inkontestat li l-awturi ta' l-appelli ma kienu qatt bnew bastimenti elenkati fl-Anness II tad-deċiżjoni kkontestata. Skond il-Kummissjoni, ebda element ma jippermetti li jkun hemm għarfien dwar min huma l-proprjetarji ta' dawn il-bastimenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

24 Il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqitx żball ta' liġi billi ddikjarat bħala inammissibbli r-rikori ppreżentati quddiemha mill-awturi ta' l-appelli għandha tiġi eżaminata fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-interess ġuridiku ta' dawn ta' l-aħħar u l-kwistjoni dwar jekk huma kinux jew le individwalment ikkonċernati.

Fuq l-interess ġuridiku

25 Skond ġurisprudenza kostanti, l-interess ġuridiku ta' rikorrent għandu, fid-dawl tas-suġġett tar-rikors, ikun preżenti fil-mument li fih jiġi ppreżentat ir-rikors, u

fin-nuqqas ta' dan, ikun inammissibbli. Dan is-suġġett tal-kawża, bħal fil-każ tal-interess ġuridiku, għandu jissussisti sakemm tingħata d-deċiżjoni finali, u fin-nuqqas ta' dan, ma jkunx hemm lok għal deċiżjoni, li jippreżupponi li r-rikors jista', jekk dan jirnexxi, jagħti vantaġġ lill-parti li tkun ippreżentatu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ta' l-24 ta' Ġunju 1986, AKZO Chemie u AKZO Chemie UK vs Il-Kummissjoni, 53/85, Ġabra p. 1965, punt 21, kif ukoll, b'analoġija, is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni, C-19/93 P, Ġabra p. I-3319, punt 13; tat-13 ta' Lulju 2000, Il-Parlament vs Richard, C-174/99 P, Ġabra p. I-6189, punt 33, u tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni, C-362/05 P, Ġabra p. I-4333, punt 42).

26 Jirriżulta mill-punti 61 u 62 tas-sentenza appellata, moqrija flimkien mal-punt 17 ta' din is-sentenza, li l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet in kunsiderazzjoni l-karatteristika ta' proprjetarji, fid-data tad-deċiżjoni kkontestata, tal-bastimenti msemmija fl-Anness II tagħha bħala l-element kruċjali sabiex jiġi ddeterminat l-interess ġuridiku tar-rikorrenti.

27 Il-Qorti tal-Prim'Istanza b'hekk beda mill-prinċipju li 19 mir-rikorrenti, li hija kienet impliċitament ikkonstatat li kienu diġà bnew jew li kienu bdew il-kostruzzjoni tal-bastimenti in kwistjoni, setgħu jiġu kkunsidrati bħala proprjetarji ta' dawn il-bastimenti fid-data tad-deċiżjoni kkontestata u, b'hekk, kellhom interess sabiex jiksbu l-annullament tagħha, filwaqt li dan ma kienx il-każ għall-erba' rikorrenti l-oħra. F'dak li jikkonċerna dawn ta' l-aħħar, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li, fid-data ta' din id-deċiżjoni, huma ma kinux għadhom ipproċedew għall-kostruzzjoni tal-bastimenti msemmija fl-Anness II ta' din ta' l-aħħar, b'mod li huma ma kinux proprjetarji. Minn dan il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet li huma b'hekk ma kellhomx interess ġuridiku.

28 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li, f'dawn il-kawżi, hija proċedura ta' awtorizzazzjoni li hija in kwistjoni. Ċertu tunnellaġġ huwa awtorizzat għall-flotta tas-sajd ta' kull Stat Membru u żidiet speċifiċi ta' dan it-tunnellaġġ jistgħu jingħataw permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk ċerti kriterji huma sodisfatti. Dawn il-kriterji jimplikaw, b'mod partikolari, li ż-żieda fil-kapaċità skond it-tunnellaġġ tirriżulta minn xogħlijiet ta' modernizzazzjoni tal-bastimenti kkonċernati fid-dawl ta' titjib fis-sigurtà.

29 Għandu jiġi rrilevat ukoll li lanqas ma ġie sostnut quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza li din il-proċedura teħtieġ li x-xogħolijiet neċessarji jiġu mwettqa, jew ta' l-anqas mibdija, qabel l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni in kwistjoni. Hekk kif jirriżulta mill-punt 61 tas-sentenza appellata, moqri flimkien ma' l-Artikolu 17 ta' din is-sentenza, hija l-Qorti tal-Prim'Istanza stess li ssollevat din il-kwistjoni *ex officio*.

30 Madankollu, fil-kuntest ta' l-eżami tagħha ta' din il-kwistjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma rreferiet għal ebda dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli, li minnha tirriżulta tali ħtieġa.

31 Barra minn hekk il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punti 100 sa 134 tas-sentenza appellata, u mhuwiex ikkontestat fil-kuntest ta' dawn l-appelli, li t-tijib fil-qasam tas-sigurtà li jiġġustifika żieda fil-kapaċità f'termini ta' tunnellaġġ jista' jirriżulta mill-kostruzzjoni ta' bastiment ta' sostituzzjoni.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kkunsidratx il-fatt li kull persuna li, fl-osservanza tar-regoli applikabbli f'dan ir-rigward, applikat għal żieda fil-kapaċità minħabba titjib fil-qasam tas-sigurtà li jirriżulta mill-kostruzzjoni ta' bastiment ta' sostituzzjoni b'mod evidenti għandha interess li titlob l-annullament ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni korrispondenti. Jekk huwa veru li dan l-interess huwa iktar pressanti għall-persuni li fid-data ta' din id-deċiżjoni, diġà jkunu wettqu spejjeż għall-kostruzzjoni ta' bastiment, dan l-interess jeżisti madankollu għal dawk li għadhom ma bdewx din il-kostruzzjoni.

33 L-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħti l-awtorizzazzjoni mitluba għandha, fil-fatt, bħala konsegwenza, għall-persuni kollha li l-applikazzjonijiet tagħhom kienu ġew miċħuda, li l-għoti ta' awtorizzazzjoni jsir possibbli fit-tmiem l-eżami ġdid ta' dawn l-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tagħmel. Meta din l-awtorizzazzjoni tingħata, dan jimplika li l-miżuri kollha li għad ikunu jridu jitwettqu sabiex titwettaq jew tintuża ż-żieda fil-kapaċità mitluba jistgħu jittieħdu fl-osservanza tal-kundizzjonijiet u tat-termini eventwalment applikabbli.

34 B'hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li l-awturi ta' l-appelli ma kellhomx interess ġuridiku għar-raġuni li, fid-data tad-deċiżjoni kkontestata, huma ma kinux bnew il-bastimenti msemmija fl-Anness II tagħha, b'mod li, f'din l-istess data, huma ma kinux proprjetarji.

35 B'konsegwenza, hemm lok li jiġi kkostatat li r-rikorrenti ta' l-ewwel istanza kollha kellhom interess ġuridiku kontra d-deċiżjoni kkontestata.

Fuq il-kwistjoni dwar jekk ir-rkorrenti kinux individwalment ikkonċernati

36 L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li, jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja li persuni oħra li mhumiex id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jallegaw li huma kkonċernati individwalment ħlief fil-każ li din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzhom meta pparagunati ma' persuni oħra kollha u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzhom b'mod analogu bħal ma jkun id-destinatarju ta' deċiżjoni (sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, Ġabra p. 197, 223, tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Pitraiki *et* vs Il-Kummissjoni, 11/82, Ġabra p. 207, punt 11, u tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni, C-260/05 P, Ġabra p. I-10005, punt 53).

37 Sabiex tiddikjara bħala inammissibbli r-rikorsi ta' l-erba' rikorrenti, li fosthom hemm l-awturi ta' dawn l-appelli, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat ukoll li dawn ta' l-aħħar ma kinux individwalment ikkonċernati skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċertament ammettiet li r-rikorrenti tal-Prim'Istanza kollha kienu direttament ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata u li l-fatt li dawn ta' l-aħħar kienu proprjetarji tal-vapuri msemmija fl-Annessi tagħha kien biżżejjed

sabiex jistabbilixxi li huma kienu individwalment ikkonċernati, iżda li madankollu applikat distinzjoni f'dak li jikkonċerna l-awturi ta' l-appelli unikament minħabba l-fatt li l-bastimenti tagħhom kienu "fittizji".

38 Hekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punti 31 u 32 tal-konklużjonijiet tagħha, it-terminu "fittizju" jinkludi żewġ tifsiriet possibbli. Is-sens ordinarju ta' dan it-terminu jfisser ħaġa li mhijiex reali jew fejn teżisti tabirruħha u li, b'konsegwenza, teżisti biss fl-immaġinazzjoni. Applikat għal dawn il-kawżi, dan ifisser li r-rikorrenti ma xtaqux realment jissostitwixxu l-bastimenti li huma kienu jippossjedu inizjalment permezz ta' bastimenti li għandhom kapaċità ta' sigurtà addizzjonali jew li dan huwa biss proġett indefinit jew idea vaga li magħhom m'huwa marbut ebda effett konkret.

39 Jirriżulta mill-punt 62 tas-sentenza appellata li, f'dak li jikkonċerna l-awturi ta' l-appelli, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet tali natura "fittizja" tal-bastimenti tagħhom mill-fatt li dawn ma kinux ġew mibnija fid-data tad-deċiżjoni kkontestata.

40 Madankollu, huwa veru li, kif issostni l-Kummissjoni, il-kwistjoni dwar jekk bastiment ġiex mibni jew le hija kwistjoni ta' fatt li ma tistax tkun is-suġġett ta' appell, ħlief jekk jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet distorsjoni tal-fatti. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk il-fatt li bastiment li għadu fi stat ta' proġett ma kienx għadu nbena jfisser li rikorrent mhuwiex individwalment ikkonċernat hija kwistjoni ta' dritt li tista' tkun is-suġġett ta' appell.

41 Għall-istess raġunijiet bħal dawk indikati fil-punti 25 sa 32 ta' din is-sentenza f'dak li jikkonċerna l-interess ġuridiku, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li l-awturi ta' l-appelli ma kinux individwalment ikkonċernati għar-raġuni li, fid-data tad-deċiżjoni

in kwistjoni, ma kinux bdew il-kostruzzjoni tal-vapuri msemmija fl-Anness II tagħha, b'mod li, f'din l-istess data, huma ma kinux proprjetarji. Fil-fatt, peress li huma kienu ppreżentaw applikazzjonijiet individwali ta' żieda ta' tunnellaġġ ta' sigurtà fir-rigward ta' bastimenti li jinsabu f'dan l-Anness II, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan ikkostitwixxa ċirkustanza li tista', skonf il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 36 ta' din is-sentenza, tikkaratterizzhom fir-rigward ta' kull persuna oħra u tindividwalizzhom b'mod analogu mad-destinatarji ta' din id-deċiżjoni.

42 Minn dan jirriżulta li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata, safejn hija tiddikjara bħala inammissibbli r-rikorsi ppreżentati quddiemha mill-awturi ta' l-appelli preżenti.

43 Skond l-Artikolu 61 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-appell ikun fondat sewwa, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Tista' allura jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza biex din tiddeċidiha.

44 Madankollu, f'dan il-każ, peress li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, hemm lok għall-Qorti tal-Ġustrizzja li tiddeċiedi b'mod definititv fuq it-talbiet ta' l-awturi ta' l-appelli magħmula sabiex id-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata.

45 Jirriżulta mill-eżami ta' l-atti tal-proċedura ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza li, peress li l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati quddiemha mill-awturi ta' l-appelli hija aċċettata, xejn ma jiddivrenzja lil dawn ta' l-aħħar mid-19 ir-rikorrenti l-oħra li r-rikorsi tagħhom ġew iddikjarati bħala ammissibbli. Fil-fatt, ir-rikorsi kollha jirrigwardaw l-istess suġġett u r-rikorrenti kollha, irrappreżentati mill-istess avukati, invokaw l-istess motivi.

46 Fir-rigward tal-motiv li bbażaw fuqu r-rikorrenti, quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni, u li hija kienet applikat, fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, kriterju mhux previst mid-dispożizzjonijiet Komunitarji applikabbli, għandu jiġi kkonstatat, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 100 sa 103 tas-sentenza appellata, b'mod partikolari fil-punti 105 u 108 tagħha, li l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 ma jimponi ebda limitu f'dak li jikkonċerna l-età tal-bastiment li jista' jibbenefika minn żieda fil-kapaċità fil-qasam tas-sigurtà u li l-kunċett ta' titjib imsemmi f'din id-dispożizzjoni jirreferi għal titjib magħmul mhux għal bastiment in partikolari, iżda għall-flotta nazzjonali. B'hekk mhuwiex neċessarju, sabiex jiġi assigurat l-għan ta' konservazzjoni tar-riżervi ta' ħut fl-ibħra Komuniatrji msegwi mill-istess deċiżjoni, li l-bastimenti ġodda jiġu esklużi missistema prevista f'din id-dispożizzjoni.

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, billi adottat fid-deċiżjoni in kwistjoni kriterji mhux previsti mil-leġiżlazzjoni applikabbli fil-każ, marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha. B'hekk, dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ u, mingħajr ma hemm bżonn li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra invokati milll-awturi ta' l-appelli, id-deċiżjoni in kwistjoni għandha tiġi annullata safejn hija tapplika għall-bastimenti ta' dawn ta' l-aħħar.

Fuq l-ispejjeż

48 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' l-appell skond l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż esposti mill-awturi kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fir-rigward ta' dawn l-appelli, kif mitlub minnhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03), hija annullata, minn naħa, safejn hija tiċħad bħala inammissibbli r-rikorsi ta' T. Flaherty u L. Murphy kif ukoll tal-kumpannija Ocean Trawlers Ltd għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/245/KE ta' l-4 ta' April 2003 dwar l-applikazzjonijiet li rċeviet il-Kummissjoni sabiex iżżid l-għanijiet tal-programm multi-annwali ta' gwida IV bil-għan li jiġu mtejba s-sigurtà, in-navigazzjoni fuq il-baħar, l-iġjene, il-kwalità tal-prodotti u l-kundizzjonjiet tax-xogħol għall-bastimenti ta' tul ġenerali ta' iktar minn tnax-il metru, u min-naħa l-oħra, safejn hija kkundannat lir-rikorrenti sabiex ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

2) **Id-Deċiżjoni 2003/245 hija annullata safejn hija tapplika għall-bastimenti ta' T. Flaherty u L. Murphy kif ukoll tal-kumpannija Ocean Trawlers Ltd.**

3) **Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż esposti minn T. Flaherty u L. Murphy kif ukoll dawk tal-kumpannija Ocean Trawlers Ltd kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fir-rigward ta' dawn ta' l-appelli.**

Firem